# MALTA

**ATT Nru. VI ta' l-1990**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.**

**ACT No. VI of 1990**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Post Office Act, 1975.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

9 ta' Frar 1990

## ATT Nru. VI ta' l-1990

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

Att XXXV ta' l-1975.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subparagrafu (b) tal-paragrafu (4) ta' l-artikolu 4 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"(ċ) illi huwa jeħtieġ l-istampat li għandu x'jaqsam ma' dik l-attività edukattiva, professjonali, kulturali jew xjentifika li tkun qegħda leġittimament titwettaq minnu, u illi huwa ma jkunx sejjer imexxi dak l-istampat ħlief lil persuni li jkunu qegħdin iwettqu attività edukattiva, professjonali, kulturali jew xjentifika simili u f'dan il-każ b'kondizzjoni simili li ma jmexxux dak l-istampat.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 339 tas-6 ta' Frar, 1990.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

9th February 1990

**ACT No. VI of 1990**

*AN ACT to amend the Post Office Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

Act XXXV of 1975.

**1.** This Act may be cited as the Post Office (Amendment) Act, 1990, and shall be read and construed as one with the Post Office Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of Second Schedule to the principal Act.

**2.** Immediately after subparagraph (b) of paragraph (4) of article 4 of the Second Schedule to the principal Act, there shall be added the following paragraph:

"(c) that he requires the printed matter in connection with such educational, professional, cultural or scientific activity being lawfully carried out by him, and that he shall not circulate such printed matter other than to persons carrying out a similar educational, professional, cultural or scientific activity and under a like condition not to circulate the same.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 339 of the 6th February, 1990.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives.*

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*